

23 belt joffru li jospitaw l-aġenziji tal-UE bis-sede fir-Renju Unit

[Brexit: rilokazzjoni tal-aġenziji tal-UE bbażati fir-Renju Unit \(Infografika\)](#)

Brexit: rilokazzjoni tal-aġenziji tal-UE bbażati fir-Renju Unit (Infografika)

Il-Kunsill irċieva 27 proposta mill-istati membri, relatati ma' 23 belt, biex jospitaw l-aġenziji tal-UE li bħalissa għandhom is-sede fir-Renju Unit. Kien hemm 19-il offerta biex jospitaw l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u 8 għall-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA). L-offerti kollha huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill Ewropew.

- [Offerti biex tiġi ospitata l-Awtorità Bankarja Ewropea \(EBA\)](#)

Iż-żewġ aġenziji ser jeħtieġ li jiġu rilokati fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE. Il-postijiet futuri jridu jiġu deċiżi bil-qbil komuni tal-istati membri tal-UE27. Fit-22 ta' Ġunju 2017, fil-marġini tal-Kunsill Ewropew (Artikolu 50), il-mexxejja tal-UE27 approvaw proċedura speċifika għal din id-deċiżjoni. L-ewwel pass kien is-sottomissjoni ta' offerti mill-istati membri sal-31 ta' Lulju 2017.

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Fl-1 ta' Awwissu 2017, il-bliet proposti biex jospitaw l-EMA huma dawn li ġejjin:

- Amsterdam (in-Netherlands)
- Aten (il-Greċja)
- Barċellona (Spanja)
- Bonn (il-Ġermanja)
- Bratislava (is-Slovakkja)
- Brussell (il-Belġju)
- Bucharest (ir-Rumanija)
- Copenhagen (id-Danimarka)
- Dublin (l-Irlanda)
- Helsinki (il-Finlandja)
- Lille (Franza)
- Milan (l-Italja)
- Porto (il-Portugall)
- Sofija (il-Bulgarija)
- Stokkolma (l-Iżvezja)
- Malta (Malta)
- Vjenna (l-Awstrija)
- Varsavja (il-Polonja)
- Zagreb (il-Kroazja)

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) hi responsabbli għall-evalwazzjoni xjentifika, is-superviżjoni u l-monitoraġġ tas-sikurezza tal-mediċini fl-UE. L-EMA hija essenzjali għall-funzjonament tas-suq uniku għall-mediċini fl-UE.

L-Awtorità Bankarja Ewropea

Fl-1 ta' Awwissu 2017, il-bliet proposti biex jospitaw l-EBA huma dawn li ġejjin:

- Brussell (il-Belġju)
- Dublin (l-Irlanda)
- Frankfurt (il-Ġermanja)
- Pariġi (Franza)
- Praga (ir-Repubblika Ċeka)
- Il-Belt tal-Lussemburgu (il-Lussemburgu)
- Vjenna (l-Awstrija)
- Varsavja (il-Polonja)

L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) taħdem biex tiżgura r-regolamentazzjoni u s-superviżjoni prudenzjali effettivi u konsistenti fis-settur bankarju Ewropew kollu. Fost kompiti oħrajn, l-EBA **tivvaluta r-riskji u l-vulnerabbiltajiet fis-settur bankarju tal-UE** permezz ta' rapporti regolari dwar il-valutazzjoni tar-riskju u simulazzjonijiet ta' kriżi fil-UE kollha.

Kriterji għall-valutazzjoni

L-applikazzjonijiet ser jiġu vvalutati abbażi ta' sitt kriterji maqbula mis-27 stat membru:

- assigurazzjoni li l-aġenzija tkun **operattiva** meta r-Renju Unit iħalli l-UE
- **aċċessibbiltà** tal-post
- **skejje**l għat-tfal tal-persunal
- aċċess għas-**suq tax-xogħol** u l-**kura tas-saħħa** għall-familji tal-impjegati
- **kontinwità tal-operat**
- firxa **ġeografika**

Passi li jmiss

Il-Kummissjoni ser tippubblika **valutazzjoni** tal-offerti abbażi tal-kriterji maqbula sat-30 ta' Settembru 2017. Il-ministri ser ikollhom **diskussjoni politika** abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni f'Ottubru 2017, fil-marġini tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali (Art. 50).

Id-deċiżjoni ser tittieħed fil-marġini tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali (Art. 50) f'Novembru 2017 permezz ta' votazzjoni mis-27 ministru. L-offerti kollha ser jiġu sottomessi għal votazzjoni dment li ma jiġux irtirati mill-pajjiżi kkonċernati. Il-votazzjoni ser tikkonsisti minn ċikli suċċessivi ta' votazzjoni skont il-bżonn, fejn il-voti jintefgħu b'mod sigriet u kull wieħed mis-27 stat membru jkollu l-istess numru ta' voti.

- [Rilokazzjoni tal-aġenziji tal-UE bbażati fir-Renju Unit](#)
- [Proċedura li twassal għal deċiżjoni dwar ir-rilokazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Awtorità Bankarja Ewropea fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, 22/06/2017](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press